MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 419/2004

**Vincent Mercieca**

**vs**

**Martin Cilia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-5 t' Awissu tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas dawk id-danni li jigu likwidati, okkorendo permezz ta' periti nominandi, li sofra l-attur f'incident li sehh fis-6 ta' Settembru ta' l-1998 ghall-habta ta' l-10:30pm, fic-City of London Bar, San Giljan, ghal liema incident il-konvenut huwa unikament responsabbli;
2. Illi ghal fini ta' kompetenza jigi dikjarat li d-danni ma jeccedux il-hamest elef Lira, (LM5,000.00,0);

3. Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittri ufficjali datati l-5 ta’ Gunju tas-sena 2000 u s-6 ta’ Jannar tas-sena 2004, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Innotat li ghalkemm il-konvenut kien debitament notifikat bl-avviz li ta’ bidu ghal din il-procedura ghazel li jibqa’ assenti kompletament minn din il-procedura u baqa’ bla ma jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet u bla ma jiddeponi;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fis-6 ta’ Settembru ta’ l-1998 ghall-habta ta’ l-10:30p.m. l-attur kien ma xi hbieb tieghu fil-fond minnu ndikat fl-avviz minnu promoss;

2. Illi xi hin wara dahal ukoll il-konvenut ma xi nies ohra;

3. Illi dawk il-persuni li kienu qed jakkompanjaw lill-konvenut marru jitkellmu ma’ l-attur u shabu, filwaqt li l-konvenut baqa’ wahdu;

4. Illi f’xi hin mar ikellem lill-attur biex jinformah li xi granet qabel kien rah f’xi stabbiliment notturn, izda ma kellmux;

5. Illi l-attur jidher li nformah li ma kellmux ghaliex ma kienx rah;

6. Illi dan irrepeta ruhu ghal darb’ohra;

7. Illi f’hin minnhom jirrizulta li l-konvenut attakka lill-attur bi flixkun li b’intervent f’waqtu ta’ habib ta’ l-attur gie newtralizzat;

8. Illi l-konvenut xorta baqa' jagredixxi lill-attur, waqghu it-tnejn ma' l-art f'xulxin u l-konvenut pero' jirrizulta li " … kien pront biex gidimli subghajja, (ir-raba' wiehed). Tant gidem bis-sahha li qataghhuli barra u bezqu fuq il-mejda …", (ara fol 9);

9. Illi wara li l-konvenut effettwa din l-opra socjali harab il-barra;

10. Illi konsegwenza ta' l-azzjoni tal-konvenut, l-attur ittiehed l-isptar fejn jirrizulta li s-seba' migdum ma setghax jerga' jigi mwahhal f'postu u konsegwenza ta' dan l-attur gie certifikat li kellu dizabilita' permanenti ta' 4%;

11. Illi jirrizulta wkoll li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenut;

12. Illi jirrizulta li l-attur ghamel ukoll protesi li izda eventwalment ma rnexxietx;

13. Illi l-ispejjez li dan l-incident ikkaguna lill-attur jammontaw ghal tlett elef sitt mija u disghin Lira Maltin, (LM3,690.00,0), li huma kollha debitament iccertifikati b'dokumentazzjoni appozita, (ara wkoll fol 27-28), liema spejjez ghadhom ma gewx saldati mill-konvenut nonostante li kien interpellat ghal dan;

14. Illi ghalhekk l-attur kien kostrett jipprocedi b'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut ghazel li jibqa' kontumaci;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement filwaqt li takkolji t-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenut Martin Cilia biex ihallas lill-attur Vincent Mercieca l-ammont ta' tlett elef, sitt mija u disghin Lira Maltin, (LM3,690.00,0), hekk likwidati bhala danni kkagunati mill-konvenut lill-attur fl-agressjoni

gratuwita in dizamina, bl-ispejjez u imghaxijiet legali kif indikati fl-istess avviz promotur.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------